**KUNSILL LOKALI** **KALKARA** **LOCAL COUNCIL**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 6/2022

14 ta' Ġunju 2022

Il-Kunsilli Lokali Kalkara Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filghaxija.

## PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chricop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ma kienx hemm

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**6.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

**6.1.1** Ma kelnix.

**6.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

**6.2.1** Il-minuti ta' seduta numru 5 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

**6.2.2** Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sinjura Maria Sultana u ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-minuti ġew approvati unanimament

**Punti mill-Minuti Preċedenti :**

6.3

1. **Punt 5.3.1 PA/02207/22** – Latrina l-antika tax-Xewkija: Is-Sindku nforma l- kunsill illi fil-ġranet li għaddew iltaqa' formalment mal-investitur il-ġdid ta' dan is-sit fejn ġew diskussi punti varji fuq suġġerimenti wkoll tal-kunsilliera waqt diskussjonijiet preċedent f'seduti tal-istess kunsill. Fuq suġġeriment tas-Sinjura Maria Sultana fir-rigward aċċess għal letrina pubblika s-Sindku qal illi waqt din il-laqgħa mas-Sur Graham ġiet ikkonfermata li letrina ser issir għal benefiċċju tal-pubbliku ma' dan l-istess żvilupp. Jiġifieri t-toilets tal-istess kiosk ser ikunu pubbliċi fejn jagħti l-lokk lin-nies passiġiera li mhux jagħmlu użu minn dan l-istabbiliment jużaw dawn l-istess toilets pubbliċi. Ser ikun qed jieħu ħsieb it-tindif u l-maintenance hu stess. Is-Sindku qal illi tajjeb li l-kunsill jerġa' jagħmel pożizzjoni mal-'Planning Authority' f'dan ir-rigward wara li ġew iċċarati ċerti issues li kien hemm bejn l-investitur u l-kunsill. Draft ta' din l-ittra ġiet moqrija waqt din is-seduta fejn il-kunsill qabel unanimament illi l-kunsill għandu jirregola ruħu fuq dan l-iżvillupp wara li l-klarifiċi ġew ikkonfermati mal-'Planning Authority'.

2. Punt 5.5.3 Tender Knis – Is-Sindku għarraf il-kunsill dwar l-iskadenza ta' dan it-tender li ser tkun waħda dalwaqt. Is-Sindku spjega u qajjem diskussjoni fuq jekk għandux jinħariġx tender ġdid fir-rigward il-knis fil-lokal. Huwa spjega illi fil-preżent jekk jinħareġ tender kif inhu eżatt dak tal-preżent jekk il-kunsill bħalissa qed iħallas 'approx 15k' dan żgur ser jgħola b'mod konsiderevoli b'impatt negattiv fuq il-finanzi tal-kunsill. Is-Sindku saħaq illi anke s-sistema tal-knis mhux waħda favorevoli 'l għaliex fil-verita' wieħed qatt ma jkun jaf eżatt fejn ser ikun il-kennies fil-ġurnata partikolari. Huwa ta' l-opinjoni illi wieħed għandu jaħseb f'alternattivi li huma vijabbli biex il-kunsill ikollu servizz tajjeb li fl-istess ħin ma jkomplix jgħaffeġ il-qgħada finanzjarja tal-kunsill. Is-Sindku ħareġ b'idea biex qabel ma' wieħed jiddeċiedi li joħroġ tender ġdid hekk kif inhu fil-preżent is-Seg Eżek tiċċekja b'kwotazzjonijiet formali minn kuntrattur li jagħmlu dan ix-xogħol għal kwotazzjoni għal 6 xhur li tinkludi kennies kif ukoll qtuħ ta' ħaxix fit-toroq li jinkludi wkoll makkinarju speċjali fejn meta jirrikjedi l-kunsill biex wieħed jara huwiex vijabbli għan-neċessajiet tal- lokal tagħna. Is-Sindku żied jgħid illi l-ħaddiema tal-kunsill iridu jagħmlu l-parti tagħhom ukoll biex ipatti għan-nuqqas ta' siegħat ta' kennies jekk wieħed jasal jieħu dan is-suġġeriment bħala deċiżjoni finali.

Is-Sinjura Chircop is-suġġeriet illi l-ħaddiema tal-kunsill huma soluzzjoni tajba biex isir ix-xogħol ta' knies bħal ma' anke lokalitajiet oħra ġieli jagħmlu jużaw il- ħaddiema tal-istess kunsill minflok ikollom kuntrattur privat li jitħallas belli liri.

Is-Sur Vince Bongailas qal illi hu jaħseb li wieħed għandu jiġbor kwotazzjonijiet biex jieħu ideat differenti ta' numri fejn jinvolvi flus qabel ma' wieħed jieħu deċiżjoni finali.

Is-Sindku qal illi huwa għandu l-istess ħsieb ta' dak is-suġġerimenti ta' Spera ghax jemmen li huwa wieħed validissimu fejn il-kunsill għandu jsib bilanċ bejn kuntrattur u l-ħaddiema tal-istess kunsill.

Is-Sur Bruno qal illi wieħed għandu jingħata inċentiv lill-ħaddiema biex jagħmlu dan ix-xogħol flok jitqabbad kuntrattur.

Is -Sinjura Sultana ssuġeriet illi ċerti awtoritajiet bħal Esplora għandhom interess li t-triq tagħhom tkun nadifa u bla ħaxix allura wieħed il-għaliex wieħed m'għandux jitlob sponsor? Jiġu organizzati aktar clean ups ma' organizzazjonijiet li jużaw żoni partikolari.

Is-Sindku għamel enfażi illi hemm lokk illi l-kunsill jiffranka l-flus fuq dan il-kuntratt

Is-Seg Eżek intalbet mis-Sindku li ġġib kwotazzjonijiet formali bħala eżempju biex il-kunsill ikollu idea kif jista' jaħdem fuq din il-kwistjoni qabel ma tittieħed deċiżjoni finali.

3. Punt 5.9.4 Dawl Triq il-Genista - għalissa ser tkun qed tistenna naqra minħabba li hemm prijoritajiet oħra fil-preżent aktar importanti minn dawl f'din l-istess żona. Dan wara li s-Sindku stess mar fiż-żona u ma rax li hemm dlam gravi kif kienu qed jgħidu r-residenti. Is-Sinjura Chircop baqgħet tenfasizza li din hija bżonnjuża fiż-żona jew inkella ddur daqsxejn il-lampa għal benefiċċju tar-residenti li qed jilmentaw l-iktar.

## 6.4 Komunikazzjonijiet mis-Sindku:

**6.4.A Tender Skart Reġjonali :** Is-Sindku nforma l-kunsill illi t-tender tal-knis regjonali ser ikun qed jinħareġ minn naħa tar-Reġjun Port. Din hija xi ħaġa Ewropeja u hija xi ħaġa nazzjonali. Il-kunsill mhux ser ikun qed joħroġ l-ebda flus biex jinħareġ it- tender. Is-Sinjura Sultana saqsiet jekk huwiex ħa jkun 'worth it' għal kunsill illi tender bħal dan jinħareġ reġjonali għaliex il-lokalitajiet huma kollha differenti fin- neċessitajiet tiegħu. Is-Sindku saħaq illi wara ħafna laqgħat li kellu fuq dan ir- rigward fil-fehma tiegħu l-Kalkara ser tibbenefika iktar minn kif inhu l-kuntratt fil- preżent avolja dejjem hemm riskji ta' prezzijiet fejn tidħol għoli tal-ħajja u forsi f'xi issues oħra pero' fid-dinamika tagħha bħala ħidma biex jinħareġ dan it-tender hija waħda ferm aħjar u professjonali immens b'ħafna tekniċita ppreparata minn nies kapaċi.

**B Malta Film Awards** : Is-Sindku nforma l-kunsill illi wara li reġa' qajjem dan il- punt mal-awtoritajiet ikkonċernati saħansitra membri parlamentari involuti bi pjaċir jinforma l-kunsill

illi sa fl-aħħar waslu l-flus mirbuħa kif ukoll it-trophy. Is- Sindku qal illi l-flus li daħlu through id-dipartiment tal-Gvern Lokali li ser ikunu qed jintużaw biex il-kunsill iħallas il-kumplament tal- E-van li huwa diġa' ordnat u qiegħed jiġi mmanifatturat.

C Jum il-Librerija : Is-Sindku qal illi tella' attivita' li ma ġiet tiswa xejn il-kunsill. Is- Sindku rringrazzja lil Josette u l-Maria tal-input tagħhom li taw biex itellgħet din l-attivita' wara ħafna sfidi li affaċjajna bħala kunsill speċjalment mill-Malta Libraries. Is-Sinjura Sultana ssuġeriet li għandha tintbgħat ittra formali ta' dispjaċir fuq din il-kwistjoni lill-Malta Libraries wara kollox. Is-Sindku saħaq illi din l-attivita' hija eżempju ċar ta' dak li dejjem jgħid illi l-kunsill bi ħsieb u b'kollaborazzjonijiet wieħed jista' jtella' attivita' li ma tiġi tiswa xejn bħala finanzi lill-kunsill wara kollox.

d. Risposta Bowser Tisqija fil-Lokal : Is-Sindku ried iwieġeb kwistjoni li tqajjmet waqt is-seduta preċedenti fejn is-Sinjura Chircop qalet illi l-kunsill għandu jieħu ħsieb it-tisqija fil-lokal. Is-Sindku ġab eżempju konkret ta' kunsill partikolari fejn intefqu ammont sostanzjali ta' flus fi fjuri qed jissaqqew 3 darbiet fil-ġimgħa u mietu xorta. Is-Sindku wera ritratti ta' fjuri mejta bħala prova ta' dak li kien qed jgħid.

E Sotto Kumitati – Is-Sindku nforma l-kunsill u għarraf il-kunsill illi jekk hemm xi kunsillier li għandu xi grupp li qed jisejjaħ 'sottokumitat' dan bil-liġi u wera parti mill-liġi li qed isemmi waqt din is-seduta jrid jġib l-ismijiet tal-membri waqt seduta formali tal-kunsill biex il-kunsill japprovah qabel ma jibda jopera u jissejjaħ 'sotto kumitat' uffiċjali. Is-Sindku qal illi dan il-punt qed iqajmu għal benefiċċju ta' kulħadd biex ma jkunx hemm 'misinterpretations'. Huwa saħaq li s'issa qatt ma ġew irreġistrati formalment 'sotto kumitati' fil-passat. Is-Sindku qal illi din hija direttiva tal-kunsill u mhux qed jivvinta hu. Wieħed irid jagħmel distinzzjoni bejn 'sottokumitat', 'helpers', għaqdiet volontarji, NGOs u oħrajn. Huwa talba ll-kunsilliera li għandhom 'sotto kumitat' / 'helpers' biex ikunu qed jgħaddu l-informazzjoni li hemm bżonn biex ikunu konformi mal-liġi la darba jagħmlu distinzzjoni fit-terminoloġija jekk humiex 'helpers' / 'sotto kumitat'

F Laqgħa Pubblika- Is-Sindku għarraf il-kunsill illi l-laqgħa pubblika din is-sena avolja iktar tard miż-żmien stipulat fil-liġi ser issir b'format differenti fejn l-ewwel ser issir quddiesa fil-kapella tas-Salvatur imbgħad wara ssir il-laqgħa pubblika barra quddiem l-uffiċju tal-kunsill lokali nhar l-1 ta' lulju 2022. Fis-6 quddies u l- laqgħa pubblika wara.

G Attivita' Festa 3 ta' Lulju 2022: Is-Sindku ssuġerixxa l-kunsill u l-kunsill qabel unanimament illi l-kunsill għandu joħroġ invot formali għal każini tal-festa kif ukoll għaqdiet oħra fil-lokal bħala riċeviment zgħir biex wieħed inaqqas il-'friction' li hemm u l-pressjoni ta' qabel u waqt il-festa. Is-Sindku qal illi din tkun xi ħaġa sabieħa biex wieħed juri sens ta' għaqda bħala sinjal biex nibdew festa flimkien. Wara l-quddiesa tat-tmienja u nofs fuq iz-zuntier.

H Xogħolijiet fl-uffiċċju – Is-Sindku nforma l-kunsill illi qed isir xi manutenzzjoni fl-uffiċju tal-kunsill wara anke lmenti mill-ħaddiema amministrattivi stess fejn fil- verita' wieħed għandu raġun. Is-Sindku qal illi l-post huwa problematiku minnhu innifsu pero' aħna bħala kunsill inkluż il-ħaddiema tal-istess kunsill nagħmluh għar jista' jkun ukoll minħabba illi hawn 'feel' ta' bidla tal-istess uffiċini. Tajjeb li l-kunsill ikun jaf ukoll illi d-dipartiment ukoll ser ikun qed jagħmel manutenzzjoni fuq in-network ukoll tal-istess kunsill allura ġie maħsub li l-istess xogħolijiet għandhom jiġu abbinati flimkien ħabba raġunijiet ovvji speċjalment għal inqas inkonvenjent lejn il-pubbliku biex ikun jista' jinqeda.

## 6.5 Korrespondenza :

1. Ġbir ta' Skart Riċiklabbli ; Is-Seg Eżek infurmat il-kunsill illi ser tkun qed tissejjaħ offerta uffiċjali liż-żewġ entitajiet vijabbli f'Malta biex jagħtuna l- proposti tagħna qabel ma jiskadi l-arranġamenti li għandna bħala kunsill fil-preżent hekk kif ġie gwidat il-kunsill mid-dipartiment stess.

2. Quarterly Financial Report : Is-Seg Eżek preżenti l-'quarterly financial statements' tal-ewwel 3 xhur tas-sena 2022 preparat mill-'accountants' tal kunsill biex b'hekk kulħadd ikollu idea ta' kif il-kunsill qed jopera finanzjarjament f'dawn l-ewwel 3 xhur. Il-kunsill approva dan ir-rapport waqt din is-seduta.

## 6.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera ,is- Sinjura Speranza Chircop

1. Ħarġa Kulturali;

Is-Sinjura Speranza ppreżentat rendikont tal-aħħar ħarġa kulturali li hija għamlet. Is-Sindku qallha kemm hu numru sabiħ li li kellha u li qed ikollha fil-ħarġiet kollha li qed torganizza.

**2 Ħarġa Kulturali għal Settembru 2022 ġewwa Għawdex**

## 6.7 Punti Ġenerali

1. Is-Sindku nforma l-kunsill illi jekk raw u taw każ it-tabelli ġodda li tweħħlu mal- ħitan fiż-żona tal-kunsill fejn qed jenfasizzaw illi ż-żona hija waħda ristretta għar- resident fil-weekend. Dan wara l-ħafna lmenti tar-residenti fiż-żona fuq l-attivitajiet li qed isiru f'venues fil-viċinanzi u wara wkoll nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet biex jgħinu l-kunsill f'dan ir-rigward. Is-Sindku saħaq illi refa' r- responsabbilta' assoluta biex jaqdi r-residenti f'isem il-kunsill dan wara li l-istess 'issue' kienet ilha tiġi diskussa waqt seduti formali.

Is-Sinjura Sultana qalet illi tajjeb li l-kumplament tal-kunsill ikun jaf b'deċiżjonijiet bħal dawn biex tkun preparata għal tweġibiet li forsi wieħed isaqsiha bħala kunsilliera wara kollox.

Is-Sindku qal illi s-Sinjura Sultana bħal oħrajn għandha punt validu pero' din kienet kwistjoni li ilha tiġi diskussa so id-deċiżjoni ttieħdet b'reponsabbilta' fuq diskussjonijiet u suġġerimenti li kienu xebgħu jiġu diskussi waqt laqgħat saħansitra mar-residenti li qed jilmentaw stress.

Is-Sindku qal illi dawn it-tabelli mhux ser isolvu l-problema li hawn pero' qed jgħinu biex jitħallew parkeġġi vojta għal benefiċċju għar-residenti bil-provi ta' ritratti u videos ta' nies li kienu preżenti għal attivita' fil-viċinanzi u pparkjaw in-naħa ta' Triq Missjoni Taljana jiġifieri b'xi mod ħaddmu.

## 6.8 Mistoqsijiet lis-Sindku :

1. Viċi Sindku

A Is-Sur Viċi Sindku xtaq jistaqsi lis-Sindku jekk għandux xi tip ta' informazzjoni fuq x'sar minnhom u ċċaqliq li kellhu jsir mit-tankijiet tal-gas tan-naħa tal-Bajja ta' Rinella / Ricasoli.

Is-Sindku qal illi fil-preżent m'għandux risposta formali għal din il-mistoqsija u li ser ikun qed jitlob informazzjoni mill-awtoritajiet ikkonċernati.

2. Speranza Chircop

A Is-Sinjura Chircop xtaqet tistaqsi lis-Sindku jekk il-kunsill jistax jagħmel xi ħaġa fir- rigward l-abbużi ta' parkeġġ li hemm in-naħa ta' Triq is-Sibi kif ukoll x'ġara mill- approvazzjoni ta' 'one way' fiż-żona minn naħa ta' TM

Is-Sindku qal illi dik iż-żona saret waħda problematika mmens minħabba influss ta' bini ta' flatsijiet kif ukoll garages. Is-Sindku qal illi dik l-approvazzjoni trid tiġi emendata qabel tiġi implementata għaliex il-pjan approvat minn TM m'huwiex dak li l-kunsill ġie diskuss. Fl-istess ħin s'issa qatt ma kien mument opportun li ssir minħabba xogħolijiet ta' konstruzzjoni fl-istess żoni.

B Is-Sinjura Speranza Chircop xtaqet tistaqsi lis-Sindku jekk hux possibli jitneħħew il- ġebel mill-Bajja tar-Rinella peress li qed tiġbor ħafna lmenti fuq dan ir-rigward.

Is-Sindku wieġeb illi ftit tal-ġranet ilu hu wera bir-ritratti waqt din is-seduta kien hemm ħaddiema minn naħa ta' Clean Malta ineħħu ammont sostanzjali ta' ġebel bil-bajja saħansitra ħames t'ijiem ilu mid-data ta' din is-seduta kif ukoll qed tingħata uplift fejn hu possibli mill-istess awtorita' imsemmiha fosthom żebgħa, injam ġdid u xogħol ieħor ta' maintenance.

**6.9 Mozzjonijiet**

**6.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il- ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 6.22

**6.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta ntemmet fil-18:50pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal-13 ta' Lulju 2022 fid-10:00 ta' filgħodu.

Konfermati, illum ______________________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv